MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 139/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Life Adventures (Galea Pierre) Limited (C-45024)**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ hames mija, hamsa w erbghin ewro u hames centezmi (€545.05) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 102385 u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 w s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-datat tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-28 ta' April, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset li tkkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------